**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Nru: 844/2016 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1319/2016, fl-ismijiet:

**Bibis International Limited (C-52162)**

**vs**

**Pierre Faure (Real Estate) Limited (C-33750)**

**Pierre Faure**

**PJS Trading Limited (C-56448)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Pierre Faure (Real Estate) Limited, Pierre Faure u PJS Trading Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra din il-Qorti ntalbet, ai termini tal-Art. 838A tal-Kap. 12, tordna lis-socjetà Bibis International Limited taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-mandat ta' sekwestru.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Bibis International Limited.

Rat l-Art. 838A tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment:

> *"Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

Bibis International jibdew billi jsostnu illi t-talba ai termini tal-fuq citat artikolu ma tistax tregi wahedha izda tista' tintalab biss flimkien ma' talba ghall-imposizzjoni ta' penali u danni. Din il-Qorti ma taqbilx.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ligi ma tikkondizzjonax it-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija kif qeghda tippretendi Bibis International. Kundanna taghha ghad-danni ragunati tista' dejjem tintalab u hija garanzija ghal dan li qeghdin jitolbu s-sekwestrati.

Dan premess huwa ritenut fil-kuntest illi:

> *"Il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta"*

*ghall-finijiet ta' dan l-artikolu (l-artikolu 838A). irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili."*

Ukoll fil-kawza Avukat Cassar Pullicino noe vs M.V. Beluga Sydney (30 ta' Dicembru 2011), b'referenza ghall-mandat fil-konfront ta' bastiment:

*"Fl-artikolu 862, trid ukoll li lill-Qorti tintwera "raguni tajba" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju ta' Arrest ta' Bicca tal-Bahar il-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" jew "raguni tajba" ghall-finijiet tal-ligi. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni: Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mill-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess Mandat."*

Ukoll fil-kawza Blye Engineering Co. Limited vs Paolo Bonnici Limited (7 ta' Lulju 2004):

*"Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, inomagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnun facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel; Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjetà nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hurg ta' tali mandat*

*kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza."*

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti kif presjeduta fil-proceduri Falcotrans Limited vs Ocean & Sky Logistics Limited et:

*"Jibda biex jinghad illi:*
*In linea ta' principju ghandu jigi enfasizzat illi d-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-interessi tieghu sakemm id-dritt sostanstiv jigi definittivament determinat fil-proceduri fil-mertu m'ghandu qatt jitwarrab leggerment. Inoltre qed jigi enfasizzat ukoll illi kull ezami li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn bl-iskrutinju profond jibqa' essenzjalment rizervat ghall-kawza fil-mertu. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Galea vs Lewis (20 ta' Lulju 2005) u l-gurisprudenza fiha citata."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti ma ssibx li jissussistu l-estremi li jwassluha timponi garanzija kif mitlub. Bibis International ghada ssostni li hija kreditrci versu s-sekwestrati. Il-proceduri bejn il-partijiet ghadhom pendenti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Pierre Faure (Real Estate) Limited, Pierre Faure u PJS Trading Limited.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF